MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 2784/1996/1

Emmanuela **JEFFRIES** armla ta' Harold, u b'degriet tal-5 ta' Ġunju, 2012, l-atti għaddew f'isem uliedha Josephine Clews u Rosaria Delia wara l-mewt tal-attriċi Emmanuela Jeffries fil-mori tal-kawża

vs

Raymond **JEFFRIES**; Rosaria Delia *nee'* Jeffries; Josephine Clews *nee'* Jeffries; Simon Ċiantar u Ivy Mifsud *nee'* Ċiantar; u b'degriet tal-5 ta' Mejju, 2008, l-atti tal-kawża għaddew mill-persuna ta' Ivy Mifsud għal dik ta' żewġha Peter Mifsud minħabba l-mewt tagħha fil-mori tal-kawża

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta' Settembru, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejnha u bejn żewġha Harold li miet testat fis-7 ta' April, 1981, billi tiddikjaraha konsistenti f'dak il-ġid li jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża; (b) taqsam il-ġid tal-komunjoni f'żewġt ishma ndaqs, li sehem minnu jingħata lilha u s-sehem l-ieħor jingħata lill-imħarrkin; (ċ) tillikwida l-ġid partikolari ta' żewġha Harold Jeffries, billi tiddikjarah li jikkonsisti f'nofs l-attiv mis-sehem tiegħu mill-komunjoni tal-akkwisti u minn dak il-ġid l-ieħor li jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża; (d) taqsam il-ġid partikolari ta' l-imsemmi Harold Jeffries skond ir-rieda tiegħu fit-testment *unica charta* tas-6 ta' Marzu, 1980, fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia, u dan billi tassenja kwart ($^{1}/_{4}$) minn dak il-ġid lilha u t-tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) lill-imħarrkin bejniethom[1]; (e) f'każ li ġid il-mejjet mhuwiex biżżejjed li jista' jinqasam bejn kulmin jistħoqqlu bla xkiel u ħsara, tordna l-bejgħ tiegħu b'liċitazzjoni, wara li taħtar perit biex jagħmel likwidazzjoni u pjan ta' qasma; (f) tordna li, fl-eventwali liċitazzjoni, l-barranin jitħallew jitfgħu l-offerti tagħhom; (ġ) f'każ li tkun meħtieġa l-liċitazzjoni, taqsam id-dħul mill-bejgħ bl-irkant bejnha u l-imħarrkin, skond l-ishma rispettivi tagħhom; u (ħ) taħtar nutar pubbliku biex jippubblika l-kuntratt tal-qasma fuq imsemmija, fil-jum, ħin u post li din il-Qorti jogħġobha tordna, u taħtar ukoll kuraturi biex jidhru għal dawk li jonqsu li jersqu fuq l-att tal-qasma. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-18 ta' Ġunju, 1997, mill-imħarrkin Simon u Ivy Mifsud, aħwa Ċiantar, li biha qalu li huma ma kellhom xejn kontra l-qasma tal-wirt ta' nannuhom Harold Jeffries, dment li nannithom l-attriċi tirrinunzja għall-użufrutt mħolli lilha fuq il-wirt ta' żewġha, u salv li ssir il-verifika tal-ishma rispettivi tal-werrieta li għandhom jedd għall-wirt u tal-ġid li jagħmel minn dak il-wirt. Laqgħu wkoll billi qalu li l-ġid li jmisshom l-imħarrkin

[1] Din it-talba nbidlet b'degriet tal-4.12.1998 (fol. 35 tal-proċess) fis-sens li s-sehem li jingħata lill-partijiet ikun sehem diviż u mhux sehem indiviż

għandu jingħata lil kull wieħed u waħda minnhom diviżament skond is-sehem rispettiv ta' kull wieħed u kull waħda minnhom, u dan kemm il-wirt jista' jinqasam bla xkiel u kif ukoll jekk ma jistax jinqasam bla xkiel. Dwar l-ispejjeż, qalu li dawn imisshom jinqasmu fuq il-partijiet kollha skond kemm hu s-sehem ta' kull parti mill-wirt;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-6 ta' Ġunju, 1997, mill-imħarrek Raymond Jeffries li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li m'huwiex kontra l-ewwel talba attriċi biex issir il-qasma tal-wirt. Żied jgħid li, ladarba l-ġid tal-komunjoni mhuwiex biżżejjed li jista' jinqasam f'żewġt ishma, ma tistax tintlaqa' t-talba tal-attriċi li nofs dak is-sehem jingħata lilha *in natura.* Jekk għandha ssir il-qasma, din imissha ssir fuq il-bażi tas-sehem ta' kull wieħed u waħda mill-partijiet fil-kawża. Laqa' wkoll kontra r-raba' u s-seba' talbiet attriċi għaliex, qal, b'hekk tkun qiegħda ssir qasma f'parti biss u mhux qasma tal-wirt kollu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet mressqa fl-20 ta' Ġunju, 1997, mill-imħarrka Josephine Clews li biha iddikjarat li kienet taqbel mat-talbiet attriċi u kienet toqgħod għal dak li l-Qorti kienet tiddeċiedi;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet mressqa fl-20 ta' Ġunju, 1997, mill-imħarrka Rosaria Delia li biha iddikjarat li kienet taqbel mat-talbiet attriċi u kienet toqgħod għal dak li l-Qorti kienet tiddeċiedi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-30 ta' Settembru, 1997[2], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Albert Fenech bħala perit tekniku;

Rat ir-rapport preliminari mressaq mill-perit tekniku fl-14 ta' Novembru, 2000[3], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tat-18 ta' Jannar, 2001, li bih ta rendikont tal-kundizzjoni tal-fond numru erbgħa (4), Triq Verdala, Bormla, u semma wkoll dak li l-istess fond kien mgħammar bih;

---

[2] Paġ. 30 tal-proċess
[3] Paġġ. 95 sa 105 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-31 ta' Jannar, 2001[4], li bih ordnat lill-perit tekniku biex (i) jgħid jekk kemm-il darba l-post setax jinqasam bejn il-partijiet bla xkiel u (ii) biex jagħmel stima ta' kemm jiswa l-istess post;

Rat ir-rapport imressaq mill-perit tekniku fl-1 ta' Marzu, 2001[5], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tal-4 ta' April, 2001, u li fih sab li l-post ma setax jinqasam bejn kull min għandu sehem minnu mingħajr xkiel u stmah fis-somma ta' sitta u tletin elf lira Maltija (Lm 36,000)[6];

Rat il-provvediment tagħha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Jannar, 2002[7], li bih u fuq talba magħmula b'rikors tal-attriċi tad-19 ta' Diċembru, 2000, ordnat li l-post jinbiegħ b'liċitazzjoni skond il-prezz stmat mill-perit tekniku, u billi l-barranin jitħallew jieħdu sehem u jitfgħu l-offerti tagħhom, filwaqt li d-dħul mill-imsemmi bejgħ jinżamm fir-Reġistru tal-Qorti sa ma tingħata s-sentenza f'din il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Jannar, 2004[8], li bih u fuq tagħrif mogħti mill-perit tekniku dak inhar, ħassret il-ħatra tal-imsemmi perit tekniku u ordnatlu li jgħaddilha lura l-inkartament kollu li kellu f'idejh sa dak inhar;

Semgħet ix-xhieda li l-imħarrkin kien fadlilhom iressqu;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Novembru, 2004[9], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-attriċi żmien biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fit-12 ta' Jannar, 2005[10];

Rat li l-imħarrkin aħwa Ċiantar naqsu li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom, filwaqt li l-imħarrkin l-oħrajn

---
[4] Paġ. 112 tal-proċess
[5] Paġġ. 120 – 7 tal-proċess
[6] Li jġibu € 83,857.44 fi flus tal-lum
[7] Paġ.. 138 tal-proċess
[8] Paġ. 152 tal-proċess
[9] Paġ. 226 tal-proċes
[10] Paġġ. 229 sa 235 tal-proċess

iddikjaraw li ma kienx fi ħsiebhom iressqu sottomissjonijiet;

Rat li, fuq talba tal-avukat tal-attriċi, l-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel;

Rat li, fid-dawl tal-fatt li fis-17 ta' Marzu, 2005, l-imħarrkin aħwa Ċiantar fetħu kawża quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta)[11], il-Qorti waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza;

Rat il-verbali bejn Mejju tal-2005 u l-5 ta' Marzu, 2013, li bihom il-kawża tħalliet tistenna l-eżitu tal-kawża miftuħa mill-imħarrkin aħwa Ċiantar;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Mejju, 2013, li bih ħalliet il-kawża mill-ġdid għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-qasma ta' ġid ġej minn wirt. Bl-azzjoni tagħha, l-attriċi trid li ssir il-qasma tal-ġid li kellu żewġha Harold, wara li tkun likwidata l-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejniethom matul iż-żwieġ tagħhom. Trid ukoll li, f'każ li l-ġid hekk likwidat ma jistax jinqasam bla xkiel, allura dak il-ġid jinbiegħ b'liċitazzjoni li fiha jkunu mħollijin joffru wkoll il-barranin;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin ilkoll qablu li kellha ssir il-qasma. Iżda fil-każ tal-imħarrek Raymond Jeffries laqa' billi qal li t-talba tal-attriċi biex tingħata s-sehem tagħha b'assenjazzjoni ma setgħetx tintlaqa' u li ma kellhomx jintlaqgħu r-raba' u s-seba' talbiet attriċi li jissarrfu f'qasma parzjali. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin aħwa Ċiantar qalu li l-attriċi jmissha tirrinunzja għall-użufrutt imħolli lilha minn żewġha qabel tista' titlob il-qasma, u li ladarba ssir il-

[11] Ċitazz. Nru. 272/05LFS (maqtugħa fis-27.2.2013 u mhix appellata)

verifika tal-ġid li tassew kien jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti, l-qasma ssir diviżament lil kull wieħed u waħda minnhom skond is-sehem li għandhom fil-wirt, kemm jekk dan isir b'kuntratt ta' qasma u kif ukoll jekk isir b'liċitazzjoni;

Illi biex il-Qorti setgħet tqis it-talbiet tal-attriċi, ħatret perit tekniku biex jistma l-ġid tal-wirt u jfassal pjan ta' qasma. Aktar tard, meta ħareġ li mill-wirt kollu kien hemm biss fond wieħed biss immobbli u li dan kien fi stat ta' telqa, l-ħatra speċifika nbidlet għal waħda dwar jekk il-post setax jinqasam bejn il-werrieta bla xkiel u biex tingħata stima tiegħu;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attriċi kienet miżżewġa lil Harold Jeffries. Huma żżewġu f'April tal-1939 u kellhom erba' wlied – Rosaria (li żżewġet lil Alfred Delia), Josephine (li żżewġet lil Norman Clews), Maria (li żżewġet lil Francis Ċiantar) u Raymond. L-imħarrkin Simon Ċiantar u Ivy Mifsud jiġu wlied Maria Ċiantar li mietet wara missierha Harold Jeffries, iżda qabel ma nfetħet din il-kawża;

Illi Harold Jeffries miet fis-7 ta' April, 1981. Il-wirt tiegħu kien regolat bis-saħħa ta' testment *unica charta* magħmul fis-6 ta' Marzu, 1980[12], fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia, li bih hu u martu l-attriċi riedu li min jibqa' ħaj l-aħħar minnhom jieħu bi proprjeta' sħiħa kwart ($^1/_4$) tal-ġid tal-miżżewweġ li jmut l-ewwel u l-użufrutt fuq it-tliet kwarti ($^3/_4$) li jifdal, filwaqt li ħallew lill-erba' uliedhom werrieta universali tagħhom f'ishma ndaqs bejniethom;

Illi d-denunzja tas-suċċessjoni ta' Harold Jeffries saret minn bintu, l-imħarrka Josephine Clews f'April tal-1981[13];

Illi jidher li nqala' disgwid bejn l-attriċi u wħud minn uliedha dwar il-mod kif xi ġid mill-wirt ta' żewġha kien tqassam, l-iżjed fejn jirrigwarda d-deheb li kellu żewġha[14] u kif ukoll dwar x'kellu jsir fid-dar fejn tgħix l-attriċi minħabba n-nefqa

[12] Dok "A", f'paġġ. 5 – 7 tal-proċess
[13] Dok "B", f'paġġ. 8 – 13 tal-proċess
[14] Xhieda tagħha 23.9.1998 f'paġġ. 57 – 8 tal-proċess

li kienet meħtieġa biex tinżamm f'qagħda tajba u jitneħħa l-inkonvenjent li kien qiegħed iġarrab fond ta' ħaddieħor li jiġi taħt l-istess dar;

Illi l-attriċi fetħet din il-kawża f'Settembru tal-1996;

Illi bħala kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ, għandu jingħad minnufih li din il-kawża mxiet b'mod partikolari u li ma kienx għall-atteġġamenti mnissla minn tilwim fost il-partijiet, forsi setgħet ukoll ma kellhiex għalfejn tasal sa hawn. Dan jidher sewwa mill-fatt li tnejn mill-imħarrkin – Rosaria Delia u Josephine Clews – qablu għal kollox mat-talbiet attriċi, u saħansitra meta mietet l-attriċi fil-mori tal-kawża, assumew l-atti minflokha minħabba li ħalliet lilhom b'werrieta tagħha. Minbarra dan, fid-dawl ta' wħud mill-eċċezzjonijiet imressqa minn uħud mill-imħarrkin dwar uħud mit-talbiet, l-attriċi irrinunzjat għalihom, jew billi għamlet dikjarazzjoni[15] jew billi talbet bdil tat-talbiet b'att ġudizzjarju[16];
Illi ġara wkoll li, matul is-smigħ tal-kawża (u qabel ma din kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta), l-attriċi talbet u kisbet il-jedd li l-ġid immobbiljari waħdieni – d-dar tagħha f'4, Triq Verbala, Bormla – tinbiegħ b'liċitazzjoni waqt li din il-kawża kienet għadha miexja quddiem il-perit tekniku maħtur mill-Qorti biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attriċi. L-imsemmi degriet ingħata fis-7 ta' Jannar, 2002[17];

Illi ħareġ li l-attriċi mexxiet 'il quddiem bl-imsemmi bejgħ b'subbasta taħt l-awtorita' tal-Qorti[18], liema bejgħ sar fil-5 ta' Diċembru, 2002, u l-post inkiseb mill-attriċi u liberat favuriha għall-prezz ta' tlitt elef lira Maltin (Lm 3,000). Ta' min jgħid li l-perit tekniku maħtur mill-Qorti f'din il-kawża kien irrelata li l-valur tal-fond (fl-2001) kien ta' sitta u tletin elf lira Maltin (Lm 36,000). L-attriċi iddepożitat fir-Reġistru tal-Qorti s-somma ta' elf mija u ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm 1,125) bħala s-sehem spettanti lill-

[15] Ara seduta peritali 19.11.1997, f'paġ. 52 tal-proċess (fejn irrinunzjat għall-jedd ta' użufrutt fuq il-ġid imħolli lilha mnn żewġha) u b'hekk issoddisfat waħda mill-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin aħwa Ċiantar
[16] Rikors 3.12.1997, milqugħ b'degriet tal-4.12.1997, f'paġ 35 tal-proċess u b'hekk issoddisfat xi eċċezzjonijiet tal-imħarrek Raymond Jeffries
[17] Paġ. 138 tal-proċess
[18] Subb. 26/02

imħarrkin mir-rikavat ta' dak il-post. Aktar tard ħareġ li l-attriċi biegħet il-post lil terzi fit-3 ta' Diċembru, 2003, fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras għal tnejn u tletin elf lira Maltin (Lm 32,000).;

Illi, sadattant waqt li din il-kawża kienet miexja, dan l-iżvilupp ma ssemma mill-ebda parti f'din il-kawża. Kien biss waqt is-smigħ tad-29 ta' Jannar, 2004[19] li l-perit tekniku ta ħjiel lill-Qorti ta' dak li kien seħħ meta iddikjara li l-ġid li kien għad irid ikun likwidat kien biss ġid mobbli. Imbagħad, tul in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fit-12 ta' Jannar, 2005, li l-fatti tal-bejgħ bis-subbasta ssemmew b'mod speċifiku;

Illi, minnufih wara, l-imħarrkin aħwa Ċiantar fetħu kawża quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) biex biha jattakkaw l-imsemmija subbasta u jitolbu t-tħassir tal-kuntratt li bih l-attriċi biegħet lil ħaddieħor il-post minnha miksub fl-irkant ġudizzjarju. Għalkemm, għall-bidu, din il-Qorti ma dehrilhiex li kellha tissoprasjedi sakemm tinqata' l-kawża miftuħa mill-imsemmija mħarrkin, aktar tard ħareġ li l-eżitu tal-istess kawża kien jolqot direttament uħud mit-talbiet – partikolarment il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet attriċi – li lkoll kienu jirrigwardaw il-bejgħ b'liċitazzjoni, u li l-attriċi baqgħet qatt ma irrinunzjat għalihom. F'kull każ, fi Frar tal-2013, l-azzjoni tal-imsemmija aħwa Ċiantar ma ntlaqgħetx minħabba li kienet tressqet wara ż-żmien preskrittiv li fih messha nfetħet. Għalhekk issa li hemm il-ġudikat, il-qagħda dwar il-qasma tal-post hija determinata darba għal dejjem minn dak li seħħ matul il-mixja tal-kawża;

Illi fil-qafas ta' dan ix-xenarju, din il-Qorti issa trid tistħarreġ x'fadal x'wieħed iqis mit-talbiet attriċi;

Illi l-azzjoni mibdija mill-attriċi hija waħda għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt, li kienet tissejjaħ l-*actio familiae erciscundae* fid-Dritt Ruman, u li bis-saħħa tagħha l-liġi[20] tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li

---

[19] Paġ. 152 tal-proċess
[20] Art. 907 tal-Kap 16

jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid *in natura*[21], (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur[22] u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs[23];

Illi dwar il-kwestjoni ta' jekk il-ġid għandux jinqasam bix-xorti jew inkella b'assenjazzjoni (jew b'attribuzzjoni) jeħtieġ li jingħad li fejn l-ishma huma ndaqs, il-qasma ssir billi jittellgħu x-xorti. Għalkemm hemm fehmiet li jgħidu li tali regola m'hijiex inflessibbli[24], jidher li l-leġislatur irid li sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-komproprjetarji kollha u l-ishma jkunu ndaqs, m'għandhiex issir il-qasma bl-assenjazzjoni[25]. Jidher li din ir-regola tal-liġi m'hijiex fakoltativa imma tassativa[26];

Illi madankollu l-qasma ta' wirt bix-xorti jew bl-assenjazzjoni tkun tista' ssir biss jekk kemm-il darba l-ishma jkunu jistgħu jitfasslu u jintgħamlu b'mod li jirrispettaw l-ishma ta' dawk imsejħa biex jaqsmu. Jekk dan ma jistax isir bla xkiel u ħsara għal tali jeddijiet, l-għażla li jifdal hi li l-wirt jinbiegħ b'liċitazzjoni u l-ishma jitħallsu mir-rikavat;

Illi f'dan il-każ ħareġ li l-ġid komuni bejn il-partijiet fil-kawża li fadal mill-wirt ta' Harold Jeffries jikkonsisti f'ġid mobbli magħmul minn depożiti f'banek, għamara u flus kontanti. Naturalment, hemm ukoll is-sehem li fadal mill-bejgħ tal-post b'liċitazzjoni. Tajjeb li wieħed jirrileva hawnhekk li, b'rieda tat-testaturi miżżewġin Jeffries (jiġifieri mill-attriċi u minn żewġha d-*decuius*), l-werrieta (jiġifieri l-imħarrkin) kienu nħelsu "mill-obbligu li

[21] Art. 502 tal-Kap 16
[22] Art. 504 tal-Kap 16
[23] Art. 510(1) tal-Kap 16
[24] Fadda <u>Commentario sulle Leggi Civili,</u> art. 993-6 u ara P.A. MCH **31.5.2012** fil-kawża fl-ismijiet *Seamus Borġ vs Thomas Borġ*
[25] Ara, P.A. **30.7.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)
[26] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Scicluna vs Carmel Grech pro et noe et***

jikkonferixxu dak li ħadu minn għandhom b'titolu gratuitu"[27];

Illi l-provi li tressqu f'din il-kawża kienu l-provi tal-attriċi. Min-naħa tal-imħarrkin tressaq xhud wieħed biss – Norman Clews – li ttella' jixhed dwar x'sehem kellu fit-tmexxija ta' xi kont bankarju jew investiment li l-attriċi kellha fir-Renju Unit u sar kontro-eżami serrat tal-attriċi, li, minbarra li xeħet dawl ta' inkonsistenza u reżistenza fix-xhieda mogħtija minnha (kemm quddiem il-perit ġudizzjarju u kif ukoll quddiem il-Qorti li semgħet ix-xhieda tagħha) ftit li xejn tefa' dawl biex jistabilixxi l-konsistenza tal-ġid. Il-Qorti trid toqgħod fuq provi konkreti u mhux fuq konġetturi. Il-fatt li l-imħarrkin dehrilhom li l-attriċi ma kenitx qiegħda tixhed is-sewwa jew is-sewwa kollu dwar x'kien hemm fil-wirt jew dwar jekk dak li kienu jafu bih kienx ġid tal-komunjoni jew ġid parafernali tal-attriċi ma jissarraf fl-ebda prova tal-konsistenza tal-wirt mertu tal-kawża. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-Qorti sejra toqgħod fuq id-dokumentazzjoni attendibbli li toħroġ mill-atti tal-kawża. B'mod partikolari, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja u bi tħaddim tal-preżunzjoni tal-artikolu 1321(1) tal-Kodiċi Ċivili, l-ġid imsemmi sejjer jitqies li kien kollu kemm hu ġid tal-komunjoni;

Illi dwar id-dar taż-żwieġ, kif ingħad aktar qabel, ħareġ li din kienet il-ġid immobbiljari waħdieni li kellhom bejniethom l-attriċi u żewġha. Hija tgħid li d-dar kienet inkisbet f'isimha, imma ukoll jekk dan huwa l-każ, ħareġ li dik id-dar kienet inxtrat fi żmien iż-żwieġ tagħha ma' żewġha d-*decuius* u għalhekk dik kienet ġid tal-komunjoni li minnha żewġha kellu nofs mhux maqsum. Minkejja li l-perit ġudizzjarju kien ta stima ta' kemm kienet tiswa dik id-dar fiż-żmien li ressaq ir-rapport (f'Marzu tal-2001), l-istess post kien inbiegħ f'irkant ġudizzjarju ftit xhur biss wara bi tlitt elef lira Maltija (Lm 3,000)[28] għall-fond kollu. Minn dak il-post, l-attriċi kellha s-sehem tagħha tan-nofs ($^1/_2$) mhux maqsum għaliex kien ġid tal-komunjoni, u kellha wkoll kwart ($^1/_4$) mhux maqsum min-nofs l-ieħor, bis-saħħa tal-prelegat imħolli lilha mid-*decuius*. Għalhekk,

[27] T-tieni artikolu tat-testment *unica charta*, f'paġ. 6 tal-proċess
[28] Li jġibu € 6,988.12 fi flus tal-lum

sehem l-attriċi minn dak il-post kien ta’ ħamsa minn tmien ishma ($^{5}/_{8}$) minn dik id-dar (u għalhekk ukoll, minn dak ir-rikavat tas-subbasta). Dan is-sehem jgħodd ukoll għall-ġid l-ieħor kollu li kien jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti, għaliex milqut mill-istess dispożizzjoni testamentarja partikolari tal-premorjent. L-attriċi qiegħdet is-somma ta’ elf mija u ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm 1,125)[29] – jiġifieri tlieta minn tmint ($^{3}/_{8}$) ishma mid-dħul tal-bejgħ ġudizzjarju – taħt l-awtorita’ tal-Qorti biex jinqasam bejn min għandu jedd għalih skond din is-sentenza;

Illi għal dak li jirrigwarda l-flejjes li jagħmlu mill-komunjoni tal-akkwisti, joħroġ li kien hemm depożiti b’banek f’Malta u depożiti f’istituzzjonijiet barra minn Malta. Mill-provi dokumentali mressqa mill-attriċi (li juru l-qagħda tal-istess kontijiet fiż-żmien li nfetħet din il-kawża u mhux fiż-żmien li miet żewġha, għaliex, kif xehdet hi, kienet iżżomm biss l-aħħar “*statement*” li jintbagħtilha u tqatta’ dak ta’ qablu), ħareġ li b’kollox kien hemm b’kemm jiswew sitt elef disa’ mija u tlieta u sebgħin lira Sterlina (£St. 6973)[30] f’depożiti ma’ bank barrani u f’bank lokali f’denominazzjoni Sterlina u b’kemm jiswew elf sitt mija u ħamsa u sittin lira Maltija u wieħed u sittin ċenteżmi (Lm 1665.61)[31] f’depożiti f’banek lokali. Fid-denunzja tas-suċċessjoni, issemma li kien hemm mitt lira Maltin (Lm 100)[32] u b’mija u ħamsin lira Maltin (Lm 150)[33] f’għamara. L-imħarrkin Ċiantar qanqlu l-kwestjoni tad-deheb. L-attriċi xehdet li dan tqassam bejn uliedha minn żewġha matul ħajtu. L-imsemmija imħarrkin ma ressqux provi li jwaqqgħu dan u, minħabba l-klawsola testamentarja li teħles lil-werrieta mill-konferimant ta’ dak li kien ngħataw f’ħajjithom, il-Qorti ma tqisx li għandha tikkonsidra aktar din l-allegazzjoni tal-imħarrkin;

Illi dan ifisser li l-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-attriċi u żewġha d-*decuius* jammonta b’kollox għal dsatax-il elf tmien mija u sitta u għoxrin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (€ 19,826.55). Minn din il-likwidazzjoni joħroġ li sehem l-attriċi huwa ta’ tnax-il elf tliet mija u

---

[29] Li jġibu € 2,620.55 fi flus tal-lum
[30] Li jġibu € 8,376.25 fl-ekwivalenti tal-munita tagħna (bir-rata ta’ St £1 = € 1.2012)
[31] Li jġibu € 3,879.83 fi flus tal-lum
[32] Li jġibu € 232.94 fi flus tal-lum
[33] Li jġibu € 349.41 fi flus tal-lum

wieħed u disgħin euro u sittin ċenteżmi (€ 12,391.60)[34], filwaqt li l-bqija ta’ sebat elef erba’ mija u erbgħa u tletin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmi (€7,434.95) huma sehem l-imħarrkin;

Illi l-imħarrkin Raymond Jeffries, Rosaria Delia u Josephine Clews imisshom sehem ta’ kwart ($^{1}/_{4}$) kull wieħed mill-imsemmija somma ta’ € 7,434.95, filwaqt li l-imħarrkin aħwa Ċiantar (jew l-aventi kawża tagħhom) imisshom sehem minn tmienja ($^{1}/_{8}$) kull wieħed;

Illi fid-dawl ta’ dak li seħħ matul is-smigħ tal-kawża t-talbiet tal-attriċi li jitkellmu dwar bejgħ b’liċitazzjoni ma għad fadal bżonn li l-Qorti tipprovdi dwarhom u l-mertu tagħhom huwa eżawrit;

Illi minħabba li l-imħarrkin ma ressqux provi oħrajn biex iwaqqgħu dawk imressqa mill-attriċi, u minħabba li l-attriċi nnifisha aġġustat it-talbiet tagħha matul is-smigħ tal-kawża, ma hemmx għalfejn li l-Qorti tistħarreġ ukoll xi eċċezzjonijiet fil-mertu ta’ wħud mill-imħarrkin. F’dan il-każ, il-Qorti jidhrilha xieraq li l-ispejjeż jintrefgħu mill-partijiet skond l-ishma tagħhom fil-wirt;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-attrici u żewġha Harold Jeffries fis-somma ta’ dsatax-il elf tmien mija u sitta u għoxrin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (€ 19,826.55);

**Tilqa’ limitatament it-tieni talba attriċi** billi ssib li sehem l-attriċi minn dak il-ġid tal-komunjoni jammonta għal tnax-il elf tliet mija u wieħed u disgħin euro u sittin ċenteżmi (€ 12,391.60);

34 €19,826.55 x 5/8 = € 12,391.60

**Tilqa’ t-tielet talba attriċi** u tillikwida l-ġid partikolari tal-mejjet Harold Jeffries fis-somma ta’ disat elef disa’ mija u tlettax-il euro u tmienja u għoxrin ċenteżmi (€9,913.28);

**Tilqa’ r-raba’ talba attriċi** billi tassenja lill-attriċi (jew l-aventi kawża minnha) s-somma ta’ tnax-il elf tliet mija u wieħed u disgħin euro u sittin ċenteżmi (€ 12,391.60), filwaqt li tassenja lill-imħarrkin is-somma ta’ sebat elef erba’ mija u erbgħa u tletin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmi (€7,434.95), li minnha l-imħarrkin Raymond Jeffries, Rosaria Delia u Josephine Clews imisshom kwart ($^{1}/_{4}$) kull wieħed u waħda minnhom, filwaqt li l-imħarrkin Simon u Ivy Mifsud, aħwa Ċiantar (jew l-aventi kawża minnhom) imisshom ottav ($^{1}/_{8}$) kull wieħed u waħda minnhom;

**Tastjeni milli tqis aktar il-ħames, is-sitt, is-seba’ u t-tmien talbiet attriċi** minħabba li l-mertu tagħhom ġie eżawrit bil-bejgħ tal-post bl-irkant ġudizzjarju fil-mori tal-kawża; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jintrefgħu mill-partijiet skond is-sehem rispettiv tagħhom fil-wirt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------